# KUNSILL LOKALI KALKARA
# KALKARA LOCAL COUNCIL

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 4

It-Tlieta 27 ta' Frar 2018

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1  Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara  fl-5 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Paul Bongailas  - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI**

***Ma Kienx hemm***

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

## 4.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillier Vince Bongailas ma jiflaħx

## 4.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

4.2.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f 'Frar 2018.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsilliera Maria Sultana

## 4.3 Komunikazzjoni mis-Sindku :Korrespondenza

4.3.1 Is-Seg Eżek infurmat il-Kunsill skema li għadha qed tiġi iffinalizzata minn naħa tal-akl fuq possibilta' ta' komunikazzjonijiet ta' wifi ġodda madwar il-lokal.

Il-Kunsill qabel li għandu jissieħeb u japplika għal fondi ta' din l-istess skema b'possibilta ta' wifi connections ġodda fil-postijiet imsemmijin hawn taħt skond il-preferenza tal-istess Kunsill:

Pjazza Sagra Familja
Rinella Bay
Kapuccini
L-area tal-iskola

Il-kunsilliera talbu wkoll lis-Seg Eżek tagħmel rapport formali lill-MCA fuq il-wifi li diġa hemm fl-area tal-bandli peress li hemm ħafna lmenti li iktar ma taqbadx milli taqbad f'din l-akkwata mas-sistema tal-wifi.

4.3.2 Is-Seg Eżek infurmat il-Kunsill bil-laqgħa urġenti li kienet saret qabel din is-seduta rigward l-approvazzjoni tal-'financial statements 2017' biex b'hekk setgħet tinbeda l-proċedura tal-audit bħal kull sena kif inhu stipulat bil-liġi.

Is-Seg Eżek spjegat ukoll għal min ma kienx preżenti suġġerimenti minn naħa tal-accountant li ġew approvati dak il-ħin kif ukoll matul din is-seduta biex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jtejjeb is-sitwazzjoni tiegħu fil-figuri li gejjin mis-

snin preċedent bla tip ta' informazzjoni fuqhom.

Is-Sur Chris Bruno talab lis-Seg Eżek figura eżatta ta' kemm naqas id-defiċit tal-Kunsill f'dawn l-aħħar 5 snin.

**4.3.3** Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop spjegat xogħolijiet li kellhom isiru urġenti amalgamate mal-proġett li kien qiegħed isir minn naħa tal-gvern centrali fil-lokal fuq l-istorm water culverts.

Ix-xogħolijiet saru mill-istess kuntrattur li kien qiegħed jaħdem dan il-proġett ħabba raġunijiet ta' timeframes bl-ispiza li ser tkun qed tiġi mifdija mill-Kunsill ta' aktar minn 4000 ewro f'komunikazzjonijiet ġodda ta' dawl u ilma n-naha tax- xatt. Dan kellu jsir bilfors wara li l-komunikazzjonijiet tal-Passat ma kienux saru skond il-liġi u ġralhom il-ħsara waqt ix-xogħolijiet fuq l-istorm water culverts stess.

4.3.4 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop ressqet talba mingħand il-każin banda Sagra Familja fuq toqob ġodda li jridu jsiru minn naħa tal-istess każin għal armar tal-festa.

Il-Kunsill saħaq illi dawn it-toqob iridu jsiru minn naħa tal-kuntrattur li ħadem fl-area u għalqilhom l-istess toqob b'tarmac ġdid filwaqt li l-ġodda li qed jintalbu jsiru minn naħa tagħhom bil-permessi kollha neċċessarji bla ebda oġġezzjonijiet minn naħa tal-Kunsill.

4.3.5 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop għarfet il-Kunsill dwar 'street hawker' li hu nterresat jarma fil-lokal tal-Kalkara b'affarijiet tipiċi taljani.

Minħabba nuqqas ta' informazzjoni minn naħa tal-istess individwu l-Kunsill talab biex tintbgħatlu aktar informazzjoni ta' x'tip ta' ikel ser ikun qed ibiegħ, ritratt tal-'istall', fejn huwa l-post li jrid jarma fih u affarijiet varji oħra biex b'hekk l-istess Kunsill ikun jista' jevalwa din il-proposta.

4.3.6 Is- Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill b'talba mingħand ir-residenti ta' Triq Marina fl-area tal-garaxxijiet tal-housing fejn qed tintalab motorcycle bay mal-'parking bays' li diġa hemm.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba basta tiġi approvata minn TM bħas-soltu qabel ma tinżebah. L-istess Kunsill iggwida lis-Seg Eżek fejn għandu jiġi dan il-parkeġġ biex tintbgħat 'site plan' immarkata mat-talba li ser tkun qed tagħmel li- TM formalment.

4.3.7 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar talba li ġejja minn

naħa tal-football nursery tal-Kalkara biex jinġiebu / jinżergħu xi siġar / pjanti fl-akwata li ġiet irranġata f'isimom minn naħa tal-Gvern Ċentrali. Hija spjegat ukoll illi diġa kienet ikkomunikat mal-kumpanija ELC biex jekk jistgħu jgħinu minn naħa tagħhom lill-istess 'football nursery'.

Is-Sur Chris Bruno saħaq illi tajjeb li jekk ser jinżergħu siġar ikunu tip ta' siġar li l-għeruq tagħhom ma jagħmlux ħsara taħt l-art meta jgħaddi ż-żmien minn fuqhom. Apparti minn hekk is-Sur Bruno issuġġerixxa illi jekk din it-talba ma tintlaqax minn naħa tal-ELC il-Kunsill jista' jagħmel talba formali lir-residenti fil-lokal biex kull min għandu xi pjanti tar-roses jagħti biċċa lin-nursery fi żmien tajjeb għat-taħwil biex b'hekk tissebbaħ l-area b'dawn il-fjuri stess. In-nursery iridu jkunu responsabbli għal dak li ser jinżera fil-ħwat tagħhom ħabba raġunijiet ovvji.

4.3.8 Is-Seg Eżek spjegat sitwazzjoni li ġrat ftit tal-jiem ilu qabel din is-seduta bejn il-paroċċa, il-każin San Ġużepp kif ukoll il-Kunsill, fejn kien hemm diżgwit bejn il-partijiet fuq talbiet ta' attivitajiet fl-istess dati u siti.

Is-Seg Eżek spjegat ukoll illi sakemm din il-kwistjoni kienet qed tinżamm minn naħa tagħha biex tiġi diskussa illum waqt din is-seduta l-partijiet kienu ltaqgħu informalment u rranġaw bejniethom dak kollu li kien hemm x'tirranġa.

Is-Sur Pawlu Bongailas talab lis-Seg Eżek illi dak kollu li jkun qiegħed jintbgħat il-każini fuq kwalunkwe kwistjoni tajjeb li l-kunsilliera jibdew jiġu ikkupjati biex b'hekk hi stess tkun koperta jekk allahares qatt jerġa' jiġri kif kien ġara f'din is-sitwazzjoni.

4.3.9 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop talbet il-kummenti tal-kunsilliera kollha rigward talba mingħand persuna li taħdem mill-lokal tal-Kalkara u għandha business ta' 'charter' in-naħa tar-regatta fuq puntun partikolari. Din l-istess persuna qed titlob permess biex għax-xhur tas-sajf tkun tista' tarma mobile office fl-akkwata tal-puntun fejn jorbot l-istess 'charter' imsemmija hawn fuq għal benefiċċju tan-nies li jiġu biex jikru mingħandu.

Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera, intlaħaq ftehim unanimu li jinħariġlu permess għal dan il-'mobile office' kif suppost man-naħa tal-baħar viċin il-puntun li semma hu stess fl-email tiegħu ippreżentata waqt din is-seduta mis Sindku stess.

4.3.10 Waqt din is-seduta u għal dan il-punt ammont ta residenti kienu prezenti biex jispjegaw u juru ritratti ċari tas-sitwazzjoni ta' periklu li jinsabu fiha , skond huma, in-naħa tax-Xatt viċin il-Viris Takeaway.

Dawn ir-residenti spjegaw is-sitwazzjoni ta' kuljum ta' parkeġġ doppju saħansitra anka tripplu f'din l-area imsemmija hawn fuq li qed tinħoloq konfużjoni u periklu għal sewwieqa oħra li jkunu għaddejjin minn Triq ix-Xatt meta n-nies jiġi jippikjaw l-ikel jew jordnaw mingħand dan il-ħanut partikolari.

Dawn l-istess residenti qiegħedin jissuġerixxu li titwaħħal camera fl-area biex forsi wieħed jitgħallem jobdi l-liġijiet u l-linji impinġijin mal-art qabel ma tinħoloq diżgrazzja jew xi inċident kbir tat-traffiku dan wara li wrew ritratti ċari ta' din is-sitwazzjoni li issa ġiet waħda ta' kuljum u abitudinali.

L-istess Kunsill qabel mar-residenti preżenti u wedhom li ser inkunu qiegħedin jagħmlu meeting mal-pulizija kif ukoll mal-lesa fejn huma ser jiġu mistednin jkunu preżenti biex b'hekk isir enfurzar minn naħa tal-awtoritajiet kif suppost biex tikkalma u finalment titranġa din is-sitwazzjoni.

4.3.11 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar l-attivita' b'risq l-annimali tal-Kalkara li ser tkun qed titella' minn Josette Ciantar impjegata tal-Kunsill f'isem il-Kunsill Kalkara flimkien mall-kunsillier Vince Bongailas li għandu taħtu dan l-istess dekasteru f'22 ta april 2018 biex il-Kunsill ukoll ikun jista' jagħti s-support tiegħu f'din il-ġurnata bil-preżenza ta' kull wiehed u waħda involuti.

4.3.12 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar meeting li kellha aktar kmieni dan ix-xahar fejn kienet ukoll preżenti is-Seg Eżek rigward it-tranġar u linji gwida fuq in-naħa tax-Xewkija l-Kalkara. Ic-chairperson tal-MTA is-Sur Ronnie Vella issuġerixxa illi tinħareġ byelaw minn naħa tal-Kunsill biex b'hekk ikun jista' jsir enfurzar aħjar fuq l-akkwata.

Il-Kunsill qabel li ssir byelaw pero wara li l-entitajiet kollha ikkonċernati ikunu involuti f'din il-kwistjoni u tittranġa l-istess akkwata għaliex fil-fehma tagħhom bil-bye law biss wieħed ma jistax ikollu kontroll assolut fuq id-dgħajjes li hemm preżenti imtellgħin fuq l-art.

4.3.13 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi r-Reġjun ser ikun qed jibgħat xi impjegati għal ftit jiem mal Kunsill tagħna biex jgħinu fix xogħol ta' manutenzjoni fil-lokal.

Is-Sinjura Sultana ma qablitx mas-suġġeriment tas-Sindku li dawn il-ħaddiema għandhom jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni madwar l-iskola minħabba l-fatt illi l-Ministru tal-edukazzjoni għandu jieħu ħsieb jagħmel dan ix-xogħol u dawn l-istess ħaddiema ser ikunu moħlija f'dawn l-inħawi.

L-istess Kunsill issuġġerixxa il-lista t'hawn taħt fejn jistgħu dawn il-ħaddiema

jagħtu daqqa t'id fil-manutenzjonijiet li hemm bżonn isiru :

- Bankini inġenerali
- Ġnien is-Salvatur
- Xatt
- Pjazza Sagra Familja
- Santa filomena u San Lawrenz ( bankini)

4.3.14 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi ser tkun qed titkellem mal-perit tal Kunsill biex jitlestew BOQs fuq toroq li hemm bżonn li jsiru bl-asphalt madwar il-lokal biex dawn ikunu preparati u jintbgħatu lill-Ministru ikkonċernati għal meta jinħargu l-fondi li ġew imsemmija anka mill-Gvern Ċentrali għal tisbiħ ta' toroq madwar il-lokal.

Il-Kunsill qabel unanimament illi dawn it-toroq imsemmijin hawn taħt għandhom jiġu fil-lista tal-prijoritajiet:

- Sienja / Santa Filomena
- Franġisku Chircop
- Rinella
- Santu Rokku/ San Leonardo

4.3.15 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar laqgħat u diskussjonijiet li qed ikolla mal-Ministeru tal-Kultura biex tinġieb għajnuna speċjali għal waqt l-attivita' ta' kull sena li tittella' mill-Kunsill b'risq Puttinu.

4.3.16. Is-Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar ħarġiet kulturali li ser tkun qed tagħmel f'isem il-Kunsill ġewwa Malta kif ukoll ġo Sqallija bħal kull sena f'dawn iż-żminijet. Għal aktar informazzjoni wieħed jista' jċempel lilha dirett jew l-uffiċini tal-Kunsill.

## 4.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 4.4.1 Christopher Bruno – Viċi Sindku

**A.** Is-Sur Chris Bruno nnotifika illi xi residenti li joqgħodu fl-akkwata ta' Santu Rokku qed ikollom problema fis-sistemi tad-dranaġġ dan wara li l-istess triq kienet qiegħeda tinzel. Huwa saħaq illi hemm bżonn li jsir rapport il-water / drainage section biex jiġu jiċċekjaw u jirranġaw dawk

il-kanen li għandom il-ħsara kif ukoll bħala Kunsill naraw x'fondi ewropej hemm available biex titranġa l-akkwata ta' quddiem iċ-ċimiterju ta' din l-istess akkwata u forsi anka tiġi pavimentata fil-futur qarib.

**B.** Is-Sur Chris Bruno staqsa formalmet fejn wasal il-proċess ta' żieda ta' cctv camera quddiem il-Kunsill minn naħa ta' mcst peress li l-arranġament Passat fuq din il-kwistjoni kien qed jiġi biss miżmum mill-Kunsill rigward ġbir ta' skart lill-istess entita. Is-Sur Bruno saħaq illi hemm bżonn tintbgħat tfakkira fuq il-camera imsemmija hawn fuq kif ukoll jerġa jissejjaħ 'meeting' mal-istess nies involuti.

**C.** Is-Sur Chris Bruno talab lis-Seg Eżek tibgħat tfakkira lill-awtorita' kkonċernata fuq il-'barriers' li twaħħlu Triq Marina quddiem residenza partikolari li dawn l-istess barriers kienu qed ikunu ta' ostaklu għal din l-istess residenza.

**D.** Is-Sur Chris Bruno talab lis-Seg Eżek tibgħat formalment lill-TM fuq 'double yellow lines' li hemm bżonn li jsiru fi Triq Santa Liberata fejn il-Pickless Butcher minħabba garaxx ta' persuna li dan l-istess persuna qed jinħoloqlu ostaklu meta jiġi biex joħroġ mill-garaxx tiegħu stess.

**E.** Is-Sur Bruno saħaq illi l-Kunsill għandu jagħti l-opinjonijiet tiegħu u jistudja sewwa rikjesti li jiġu mir-residenti dan wara ħafna lmenti li iġġeneraw fuq il-linji sofor li saru fi Triq is-Sienja biex jakkomodaw lill-persuna waħda u minħabba f'hekk dejjem qed jitnaqqsu l-parkeġġi mill-istess area.

Is-Sur Bruno saħaq ukoll illi d-'disabled bay' li saret fl-istess akkwata tajjeb li ssirilha sinjal magħha li turi li din il-parking bay tintuża biss għan-nies bi bżonnijiet speċjali mal-ħinijiet tal-iskola l-kumplament tal-ħin tista' tiġi użata minn kulhadd dan minħabba n-nuqqas ta' parkeġġ fl-istess akkwata imsemmija hawn fuq.

## Is-Sur Pawlu Bongailas - Kunsillier

**A.** Is-Sur Pawlu Bongailas, talab il-Kunsill formalment biex mill-iktar fiż possibli jintbgħatu l-informazzjonijiet kollha minn naħa tagħhom li għandhom jiġu ppublikati fil-'leaflet' li qed jieħu ħsieb hu li ser ikun qed jiġi mqassam f'kull residenza fil-Kalkara qabel Għid il-Kbir 2018.

**B.** Is-Sur Pawlu Bongailas reġa emfazizza r-'reserved parking bay'

partikolari li hemm fejn il-Pjazza Sagra Familja qed tieħu parkeġġ normali meta din ir-reserved m'għadiex tintuża mill-persuna li għalija kienet saret fil-Passat meta din l-istess persuna kienet tgħix fl-akkwati. Issa din l-istess persuna qiegħeda rrekoverata ġo 'home' għal żmien indefinit minn sorsi konkreti li l-Kunsill infurmat bih.

**Kummenti tal-Kunsilliera Maria Sultana:**

A Is-Sinjura Sultana uriet id-disfatta fuq it-tindif / knis fil-lokal li s-servizz m'huwiex wieħed kif inhu suppost dan il-għaliex qed ikun hemm ħafna ilmenti mingħand residenti fuq kwistjonijiet differenti li għandhom x'jaqsmu mal-iskart u tindif.

Is-Sinjura Sultana saħqet illi hemm bżonn isir rapport formali lill-kuntrattur preżenti tal-Kunsill li jieħu ħsieb it-tindif tal-lokal.

Is-Sinjura Sultana żiedet tgħid illi l-ħaddiem tal-kuntarttur m'huwiex qiegħed jiġbor il-borża tal-iskart tagħha u din il-kwistjoni ila sejra xhur twal kif ukoll mal-kantuniera tal-gate tal-iskola tħalla ħafna ħmieg minn kuntrattur differenti li kien qed jaħdem fl-akkwati.

B Is-Sinjura Maria Sultana innutat ir-'railings' jiċċaqalqu u ta' periklu li hemm mad-dawra tal-iskola kif ukoll quddiem il-'youth centre' tal-lokal biex jitranġa u jiġi ssusidjat.

c. Is-Sinjura Sultana nnutat 'signage' gdid fl-akkwata ta' Triq San Mikiel fejn fil-fehma tagħha ġie ippożizzjonat ħażin għaliex tagħti l-impressjoni illi lanqas ir-residenti ma jistgħu jidħlu f'dik l-istess akkwata. Tajjeb li dawn is-sinjali jitressqu l-barra lejn ir-'railing' li hemm fil-post minflok fejn qiegħedin fil-preżent.

d. Is-Sinjura Sultana saħħqet illi kien hemm xi nies li nnutaw illi ma intbgħatitx karta f'kull dar bħal ma kemm il-darba intbgħatet fuq affarijiet inqas importatnti mill-laqgħa pubblika u b'hekk ma kienux jafu b'din il-laqgħa perse. Tajjeb li tintbgħat notifika f'kull dar mis-sena d-dieħla biex ħadd ma jkunx hemm skużi biex persuna tkun tista' tattendi finalment.

Is-Seg Eżek spjegat illi kien hemm avviżi u notifiċi kullimkien rigward din il-laqgħa saħansitra f'kull gazzetta lokali , fb u ħafna mezzi tax-xandir ieħor.

Is-Sinjura Sultana nnutat ukoll ringrazzjament lill- J.P.O fir-rapport li ġie preparat mill-istess Kunsill speċifikament għal din il-laqgħa fejn fil-fehma

tagħha ma kellux jissemma dan minħabba raġunijiet varji inkluża dik imsemmija f'dawn il-minuti taħt punt 4.4.1 b

## 4.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

4.5.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 2.18 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 4.6 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 4.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

4.7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar it-Tlieta 20 ta' Marzu 2018 fil 4:00 p.m. u spiċċat fis 6:30 ta filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 27 ta' Frar, 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Speranza Chircop<br>Sindku | Elaine Caruana<br>Segretarju Eżekuttiv |